# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 108/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maria Stella Attard)**

**vs**

**Jason (Jason Jesmond) Cini**

Seduta tal-10 ta' Dicembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jason (Jason Jesmond) Cini, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 236372M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Jannar, 2014 bil-vettura JAS350 ġewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, San Ġiljan: 1) Saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f"post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi; u 2) Saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mill-limitu preskritt;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat ikun skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-23 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu għal multa ta' €1,500 u issospendietlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tħssar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena. B'mod sussidjarju talab li tinghata piena adegwata fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar li d-dokument tal-eżami tan-nifs ma kienx ikkonfermat bil-ġurament. It-tieni lment huwa li riħa ta' xorb ma jfissirx li ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq. Wara kollox il-Pulizija ma qalux li raw lill-appellant isuq b'mod u manjiera li ma kellux kontroll tal-vettura;

2. Il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża b'mod partikolari l-affidavit magħmul minn PS 1139 K.M. Cassar fil-25 ta' Jannar, 2014 (fol 2) u dak magħmul minn PC121 Josef Vassallo (fol3) kif ukoll il-breathalyser test a fol 4 iffirmat minn PS 1139 Karl Cassar.

3. Dawn iż-żewġ affidavits kienu kkonfermati bil-ġurament quddiem kummissarju b'setgħa li jagħti l-ġurament. Jigi ghalhekk illi PS 1139 K.M. Cassar xehed illi l-imputat kien mar mieghu *l-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fejn inghata t-twissija skont il-liġi , aċċetta li jagħmel it-test .u li dan irrizulta posittiv 69mg/100ml. L-istess xhud kien infurmat li din kienet it-tieni darba li twaqqaf fuq l-istess suspett fi żmien qasir . "Fil-15 ta' Diċembru,2013 l-imputat wkoll kien għamel il-breathalyser test ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan fejn it-test f'din id-data* ***sar ukoll minni.'*** (enfasi tal-Qorti).

4. Ma'dan l-affidavit hemm anness ukoll il-breathalyser test (ara Fol. 4) u ghalhekk isegwi li dan id-dokument kien ikkonfermat bl-istess gurament. Il-kopja tiegħu li reġgħet ittellgħet fit-23 ta' Frar, 2016 (fol 48) kienet *super abbundantia cautela* u ma kienx mehtieg li dan jerga' jkun konfermat bil-gurament. Ghalhekk l-appellant m'ghandux ragun f'dan l-aggravju u qed ikun michud;

5. It-tieni gravami jirreferi għall-ewwel imputazzjoni u dwar dan irid jinghad illi mhux mehtieg mill-Prosekuzzjoni li tipprova li kont qed issuq b'mod li ma kellekx kontroll tal-vettura kemm il-darba jkun pruvat li s-sewwieq kien taht l-influwenza ta' xorb jew droga. Huwa biżżejjed li jkun hemm indizzji li s-sewwieq ma huwiex f'qagħda li jsuq anke jekk dak kien l-uniku nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku. Ma huwiex korrett l-appellant meta jgħid li dan kien sempliċiment spot check ghaliex PC 121 Josef Vassallo xehed li meta waqqaf il-vettura ***qajjimli suspett li kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb peress li kellu riħa qawwija tax-xorb u kien imħeddel.'.***

6. Anke jekk l-appellant jghid li għamel tliet siegħat rieqed u imbagħad saq, hemm l-indizzju li jippunta fid-direzzjoni li ma kienx

f'qagħda li jsuq u f'dan il-kaz, aktar milli indizzju kien hemm prova diretta provenjenti minn rizultat posittiv ta' konsum ta' alkohol ferm 'l fuq minn dak permess mil-ligi. Ghalhekk l-ewwel parti tat-tieni aggravju qed ikun ukoll michud;

7. Fl-istess aggravju, l-appellant jillanja illi l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tieni wahda. Iz-zewg reati, izda, huma distinti għal kollox minn xulxin u jistghu jirrizultaw indipendentement kif jidher mit-test tal-liġi stess;

8. Kwantu t-talba ghall-piena aktar adegwata [recte: miti jew klementi], ma hemm xejn x'jinghad hlief li din inghatat qrib il-minimu taghha, skond il-ligi kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reat ghaliex llum l-piena hija diversa, u ghalhekk ma hemm xejn li jista' jqanqal kunsiderazzjoni ghal-tnaqqis.

9. L-appell ghalhekk qed ikun michud u t-terminu ta' sitt xhur sospensjoni tal-licenzja jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum;